II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż tal-Kummissjoni dwar il-Gwida tal-UE għal Prattiki Tajba ta' Iġjene fil-produzzjoni ta' ġobon u prodotti tal-ħalib artiġjanali

(2017/C 440/01)

Skont l-eżitu tal-valutazzjoni mwettqa, il-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf (PAFF) qabel fuq il-pubblikazzjoni tat-titlu u r-referenzi ta' din il-gwida tal-Komunità għal prattiċi tajba, skont l-Artiklu 9 tar-Regolamant (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel ([1]).

**Titlu**: Gwida Ewropea għall-Prattiki ta' Iġjene Tajba fil-produzzjoni ta' ġobon u prodotti tal-ħalib artiġjanali

**Awtur**: Farmhouse and Artisan Cheese & Dairy Producers European Network (FACEnetwork) — Netwerk ewropew tar-raħħala u produtturi tal-ġobon u prodotti tal-ħalib artiġjanali

**Referenza**: Verżjoni riveduta fl-20 ta' Diċembru, 2016.

https://ec.europa.eu/food/safety/biosafety/food_hygiene/guidance_en

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.

---

## Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

## (Il-Każ M.8685 — Foncière des Régions/Marriott International/Le Méridien Hotel in Nice)

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 440/02)

Fil-11 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32017M8685. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

---

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.